



**KUNSILL TA'  
L-UNJONI EWROPEA**

**Lussemburgu, 21 ta' Ottubru 2004**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali  
2003/0274 (COD)**

---

---

**12029/1/04  
REV 1 ADD 1**

**CULT 60  
CODEC 964**

**DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL**

---

Suġġett: Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill sabiex tiġi adottata Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1419/1999/KE li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-"Kapitali Ewropea tal-Kultura" għas-snin 2005-2019

---

**DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL**

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kummissjoni sottomettiet proposta għal deċizzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ibbażata fuq l-artikolu 151 tat-Trattat KE, li temenda d-Deċizzjoni 1419/1999/KE li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment "Kapitali Ewropea tal-Kultura" għas-snin 2005 sa 2019.
2. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-22 April 2004. Il-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni orali tal-proposta modifikata tagħha fid-29 ta' April 2004.
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Mejju 2004.
4. Fil-21 ta' Ottubru 2004, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE.

## II. L-GĦAN TAL-PROPOSTA

Il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-Istati Membri l-ġodda jipparteċipaw fl-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura qabel ma tiskadi d-deċizzjoni attwali fl-2019. Ma tbiddilx l-ordni eżistenti ta' dritt għal nomini mill-Istati Membri, iżda tistabbilixxi sistema ġdida li taħtar żewġ Stati Membri eliġibbli li jissottomettu nomini kull sena mill-2009 'il quddiem, sabiex żewġ kapitali jistgħu jiġu magħżula fl-Istati Membri.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Kummenti ġenerali

Il-Kunsill ma għamel l-ebda emenda lill-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni aċċettat b'mod sħiħ 1 mill-5 emendi proposti mill-Parlament (emenda 1).

## **2. Emendi magħmula mill-Parlament Ewropew**

### *2.1. Emendi aċċettati mill-Kunsill*

Il-Kunsill approva b'mod sħiħ l-emenda proposta mill-Parlament u aċċettata mill-Kummissjoni (emenda 1).

### *2.2. Emendi mhux integrati mill-Kunsill*

Il-Kunsill, bħall-Kummissjoni, ikkunsidra li l-emendi 2, 3, 4 u 5 marru lil hinn mill-fini tal-proposta u ma qisux li kien xieraq li jinkorporawhom.

## **III. KONKLUŻJONIJIET**

Il-Kunsill ikkunsidra li l-pożizzjoni komuni tiegħu hi bilanċata u tikkonforma b'mod sħiħ ma' l-għan prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni, u b'hekk tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura kemm jista' jkun malajr.